**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 38** **27 ta' April, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 27 ta' April fid-09.30 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Reno Buġeja - Kunsillier
Matthew Buġeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **38.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 38.1.1 | Il-laqgħa bdiet fid-9.30am. F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **38.2** | **Kunsiderazzjoni ta' Sistema ta' Tender għal Operat Mobbli fi Spazji Pubbliċi** |
| 38.2.1 | Is-Sindku informa li kien previst li jasal rappreżentant minn Zhoushan, u għaldaqstant il-laqgħa setgħet tiġi sospiża għal ftit ħin. Hekk kif bdiet il-laqgħa wasal ir-rappreżentant u il-laqgħa ġiet sospiża. Il-laqgħa reġgħet kompliet fl-10:55am.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsilliera kienu esprimew ix-xewqa li tiġi esplorata l-possibbiltà li jinħareġ tender għal parkeġġi riżervati għall-bejjiegħa tal-kiosks f'diversi żoni tal-parkeġġ.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li l-Kunsill qed jirċievi numru kbir ta' talbiet minn sidien ta' kiosks biex joperaw fil-lokalità ta' Marsaxlokk, u għalhekk kienet saret din il-proposta għal diskussjoni. Huwa saħaq li dawn il-postijiet għandhom ikunu viċin il-bajjiet u 'l bogħod minn ristoranti, u li l-Kunsill għandu jallokka żoni speċifiċi, għal perjodu bejn Mejju u Settembru, jew perjodu simili, b'tender validu għal tliet snin.<br><br>Is-Sindku esprima n-nuqqas ta' qbil tiegħu li l-arranġament ikun għal tliet snin. Ġie spjegat ukoll li dawn iż-żoni jeħtieġu permess minn Transport Malta, u li, essenzjalment, tender formali jista' ma jkunx meħtieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet li kull min jopera f'dawn iż-żoni jkun meħtieġ iħallas tariffa ta' €23.29 kuljum, kif stipulat taħt il-Liġi 441, u li d-dħul jibqa' tal-Kunsill Lokali.<br><br>Il-Viċi Sindku qalet li f'dawn iċ-ċirkustanzi tender ma jkunx neċessarju, u ssuġġeriet li jista' jiġi kkunsidrat ftehim alternattiv.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa kif ser jiġu magħżula l-applikanti f'każ li jkun hemm aktar minn applikant wieħed għall-istess żona. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li jista' jiġi applikat il-prinċipju "first come, first served". Il-Kunsillier Reno Bugeja żied li għandha ssir evalwazzjoni tal-applikanti minħabba l-impatt u l-ħmieġ li jista' jitħalla.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa osserva li, skont il-leġiżlazzjoni, bejjiegħa bħal dawn għandhom ikunu mill-inqas 50 metru 'l bogħod minn stabbilimenti tal-ikel. Huwa rrimarka wkoll li bħalissa hemm kiosk f'St. Peter's Pool li qed jopera mingħajr permess fuq art tal-Gvern, u li dan għandu jiġi indirizzat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jiġi ppreparat rapport lill-Pulizija, filwaqt li l-Viċi Sindku kkonfermat li din hija kwistjoni ta' infurzar.<br><br>Is-Sindku qal li l-għan tal-laqgħa kien li jiġu identifikati u diskussi ż-żoni potenzjali għal dawn il-parkeġġi. |

Il-Kunsillier Reno Bugeja staqsa jekk il-kiosks ikunux vetturi mobbli jew strutturi permanenti. Il-Viċi Sindku spjegat li l-korrispondenza oriġinali kienet tirreferi kemm għal kiosk kif ukoll għal vettura, bħal karrozza, marbuta miegħu, u għalhekk kull applikazzjoni għandha tinkludi żewġ vetturi. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet li din hija deċiżjoni tal-Kunsill jekk il-vetturi jitħallewx marbuta mal-kiosk. Il-Viċi Sindku qablet u qalet li l-vettura tista' tiġi pparkjata f'post ieħor. Il-Kunsilliera kollha qablu.

Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li jaqbel ma' tariffa ta' €23.29 għal żoni semi-permanenti, u li l-permessi għandhom ikunu mingħajr imwejjed u siġġijiet, sabiex jiġi żgurat servizz għall-viżitaturi tal-bajja.

Is-Sindku qal li huwa aħjar li jibdew jiġu identifikati u msemmija l-postijiet. Il-Kunsillier Daniel Zerafa semma Xrobb l-Għaġin fit-tarf nett. Il-Kunsilliera Reno Bugeja u Daniel Zerafa semmew iż-żona fejn il-ħofra ħdejn it-taraġ. Il-Kunsillier Daniel Zerafa qal illi l-kiosk ghandu jkollu daru jħares lejn il-baħar u ser jkun propost parkeġġ wieħed. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dawn is-suġġerimenti. *(Dok. 1 f'paġna 5)*

Fir-rigward ta' St. Peter's Pool, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ma jistgħux jinħarġu permessi minħabba li l-art tappartjeni lill-Gvern u bħalissa qed tintuża illegalment, u għalhekk kwalunkwe approvazzjoni tkun kontra l-liġi. Il-Kunsilliera qablu li ma jsir l-ebda intervent f'din iż-żona. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ssuġġerixxa li tiġi kkunsidrata talba lil Lands Authority sabiex, maż-żmien, l-art tiġi trasferita taħt il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsilliera semmew ukoll il-Kalanka, iżda l-Viċi Sindku qalet li mhux possibbli li hemmhekk jiġu stabbiliti spazji riżervati. Il-Kunsilliera qablu.

Il-Kunsillier Reno Bugeja semma ż-żona tat-triq tal-Power Station. Il-Viċi Sindku qalet li huwa importanti li ma jitħallewx imwejjed u li din għandha tkun parti mir-regolamenti. Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied li għandhom jiġu imposti multi għal min jikser il-liġi, u ssuġġerixxa wkoll li jiġu pprojbiti deckchairs. Ġie maqbul li għandhu jinħareġ permess wieħed fiż-żona tal-campers ħdejn il-gate fil-kantuniera tal-bankina. *(Dok. 2 f'paġna 5)*

Il-Kunsilliera Daniel Zerafa u Matthew Bugeja semmew il-Bajja tal-Magħluq, u l-kunsilliera qablu li jkun hemm parkeġġ wieħed fil-kantuniera, bl-ewwel post ikun kemmxejn aktar ġewwa. *(Dok. 3 f'paġna 6)*

Is-Sindku semma ż-żona tal-bajja tal-Għar l-Aħmar, u l-Kunsillier Matthew Bugeja ssuġġerixxa parkeġġ fejn normalment ikun hemm il-bejjiegħ tal-ġelat. Il-Kunsilliera qablu, filwaqt li l-Viċi Sindku saħqet li ma għandhiex tinħoloq kwalunkwe' forma ta' preferenza għal operaturi tal-ġelat. *(Dok. 4 f'paġna 6)*

Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk il-kiosks għandhomx joperaw b'ġeneraturi. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ssuġġerixxa li l-applikant magħżul għandu

| | |
|---|---|
| | japplika għal dawl temporanju, u ġie maqbul li dan ikun parti mir-regolamenti, inkluż li l-użu ta' ġeneraturi ma jkunx permess. Il-kunsilliera qablu.<br><br>Is-Sindku qal li ser tintbagħat talba lil Transport Malta bil-postijiet proposti u li l-perjodu propost ikun bejn l-1 ta' Mejju u l-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsilliera kollha qablu.<br><br>Fl-aħħar, is-Sindku ssuġġerixxa li jingħata feedback fil-laqgħa li jmiss u li jitfasslu regolamenti formali. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet li l-Kunsilliera jippreparaw lista ta' regolamenti sabiex jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsilliera qablu. |
| | |
| **35.3** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 35.3.1 | Il-laqgħa intemmet fil-11.23am wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 18 ta' Mejju, 2026.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***

35°50'27.6"N 14°34'07.3"E




*Dok. 1*

35°50'13.5"N 14°33'04.3"E




*Dok. 2*

35°50'21.5"N 14°32'53.2"E



*Dok. 3*

35°50'03.9"N 14°32'42.4"E




*Dok. 4*